KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fis-26 ta' Novembru 2020 [1]

Kawża C-572/18 P

thyssenkrupp Electrical Steel GmbH,
thyssenkrupp Electrical Steel Ugo
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Unjoni doganali — Konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti doganali — Regolament (UE) Nru 952/2013 — Artikolu 211(6) — Awtorizzazzjoni għall-ipproċessar attiv ta' ċerti grani orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon — Eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi — Natura vinkolanti tal-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti doganali — Att li ma jistax jiġi kkontestat"

I. Introduzzjoni

1. Permezz ta' dan l-appell, l-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet tat-2 ta' Lulju 2018, thyssenkrupp Electrical Steel u thyssenkrupp Electrical Steel Ugo vs Il-Kummissjoni [2] (id-"digriet appellat") li bih il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti bħala inammissibbli. Dan ir-rikors kien dirett lejn dik li sejħu 'konklużjoni" milħuqa mill-Kummissjoni.

2. Fil-qalba ta' din it-tilwima tinsab il-kwistjoni dwar jekk il-konklużjoni milħuqa mill-Kummissjoni li "il-kondizzjonijiet ekonomiċi jkunu sodisfatti" [3] fi proċedura doganali li titratta l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' dak li jissejjaħ "ipproċessar attiv" tikkostitwixxix att maħsub li joħloq effetti legali li huma miftuħa għall-kontestazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 263(1) TFUE.

3. Il-"proċedura ta' pproċessar attiv" hija indirizzata fl-Artikoli 256 sa 258 tal-Kodiċi Doganali u tinvolvi proċedura li tippermetti s-sospensjoni tad-dazju tal-importazzjoni, VAT u imposti oħrajn jew miżuri ta' politika kummerċjali fuq l-importazzjoni ta' merkanzija fl-Unjoni Ewropa minn pajjiżi terzi. Il-prodotti li jirriżultaw minn din il-forma ta' pproċessar huma jew esportati mill-ġdid jew irrilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni libera ġewwa l-Unjoni, fil-każ tal-aħħar bl-imposti mħallsa fuq il-materja prima importata oriġinarjament jew fuq il-prodotti pproċessati. L-applikazzjoni ta' din is-sistema hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet doganali.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 T-577/17, mhux ippubblikat, EU:T:2018:411.

3 Ara l-Artikolu 211(4)(b) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90,, u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2) ("Il-Kodiċi Doganali").

4. Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' pproċessar attiv kienet saret fil-proċeduri preżenti għal ċerti tipi ta' grani orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon ("GOES") ta' oriġini Ġappuniża li kienu suġġetti għal miżuri antidumping imposti mill-Kummissjoni Ewropea[4]. Il-miżuri antidumping kienu diretti lejn l-importazzjoni ta' dawk il-materjali bi prezz taħt il-prezz minimu ta' importazzjoni li kien ġie stabbilit. L-effett tal-għoti tal-awtorizzazzjoni għal ipproċessar attiv fil-kawża preżenti kien li kien ifisser li l-importatur ma kienx ikollu jħallas dazji antidumping jew jipprovdi kwalunkwe evidenza li d-dumping kien ġie eliminat.

5. Huwa, forsi, għalhekk, mhux totalment sorprendenti li l-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din kienet oġġezzjonata bil-qawwa minn kompetituri Ewropej li jipproduċu l-GOES. Huma jsostnu li awtorizzazzjoni bħal din tkun tammonta għall-evażjoni tal-proċeduri stabbiliti fir-regolament ta' implimentazzjoni li jipprovdi għal dawk il-miżuri antidumping. Il-kwistjoni fl-appell preżenti, madankollu, hija jekk dawn il-kompetituri jistgħux iżommu kontestazzjoni għall-validità tal-konklużjoni hawn fuq imsemmija tal-Kummissjoni f'dawn il-proċeduri jew jekk minflok humiex limitati li jikkontestaw l-awtorizzazzjoni ta' pproċessar attiv mogħtija mill-awtorità doganali nazzjonali quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom stess[5]. Dan jiddependi minn jekk il-konklużjoni tal-Kummissjoni kinitx maħsuba li tipproduċi effetti legali u, jekk dan huwa l-każ, hemm il-kwistjoni ulterjuri dwar jekk l-appellanti kinux direttament u individwalment ikkonċernati mill-miżura għall-finijiet tal-Artikolu 263(1) TFUE.

6. Il-kriterji li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi ddeterminat jekk att huwiex maħsub li jipproduċi effetti legali bl-ebda mod ma huma ġodda u huma stabbiliti fil-paragrafu 28 tad-digriet appellat. Madankollu, u minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fi Friesland Coberco Dairy Foods[6], interpretat dispożizzjoni[7], li hija kważi identika għall-Artikolu 259(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015[8], id-dispożizzjoni li hija inkwistjoni hawnhekk, għad hemm dubji dwar jekk konklużjoni milħuqa rigward il-kundizzjonijiet ekonomiċi tikkostitwixxix att legali vinkolanti, mhux l-inqas minħabba prattika amministrattiva adottata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li tistabbilixxi l-oppost eżatt tal-pożizzjoni li qiegħda tieħu issa l-Kummissjoni. Hawnhekk għandu jiġi nnotat li fi Friesland Coberco l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li fraži li kienet tirrikjedi li l-awtoritajiet doganali nazzjonali "jieħdu inkunsiderazzjoni" il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali kienet tfisser li l-konklużjonijiet ta' dan tal-aħħar ma kinux vinkolanti fuq l-awtoritajiet doganali nazzjonali[9]. Kwistjoni simili ħafna ta' interpretazzjoni leġiżlattiva tqum fil-kawża preżenti.

7. Fil-fatt, għalhekk, dan l-appell preżenti ser jipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-opportunità li tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha fir-rigward ta' x'jikkostitwixxu atti vinkolanti għall-finijiet ta' kwalunkwe kontestazzjoni mressqa b'riferiment għall-Artikolu 263 TFUE. Qabel, madankollu, ma nistgħu nipproċedu għal kunsiderazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet, huwa l-ewwel meħtieġ li jiġu

4 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1953 tad-29 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati ċatti tal-azzar manjetiku tas-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU 2015, L 284, p. 109, u rettifika fil-ĠU 2015, L 316, p. 17).

5 Skont ir-rikors tal-appellanti għall-awtorizzazzjoni biex jipproduċu risposta, l-appellanti ppreżentaw appelli quddiem ir-Rechtbank Noord-Holland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord Holland, il-Pajjiżi l-Baxxi) fejn ikkontestaw iċ-ċaħda tal-oġġezzjonijiet tagħhom fuq l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' pproċessar attiv mill-awtorità doganali Olandiża.

6 Punti 25 sa 33 tas-sentenza tal-11 ta' Mejju 2006, Friesland Coberco Dairy Foods (C-11/05, EU:C:2006:312) ("Friesland Coberco"). Is-sentenza tirrigwarda każ ta' pproċessar taħt kontroll doganali pjuttost milli pproċessar attiv. L-amalgamazzjoni ta' dawn il-proċeduri kienet diġà nbdiet skont ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) (ĠU 2008, L 145, p. 1), ara l-premessa 33 ta' dan ir-regolament. Din tkompliet taħt il-Kodiċi Doganali, ara l-premessa 50 ta' dak il-kodiċi.

7 L-Artikolu 504(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU 1993, L 253, p. 1).

8 Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p.3).

9 Friesland Coberco, punti 26 sa 27.

stabbiliti d-dispożizzjonijiet legali rilevanti. Peress li l-appellanti jiddependu fuq il-bidla fil-leġiżlazzjoni minn Friesland Coberco, huwa meħtieġ li jsir riferiment għall-kuntest ġuridiku li kien fis-seħħ fiż-żmien li dik il-kawża kienet deċiża kif ukoll għall-iżviluppi sussegwenti li huma rilevanti sa fejn hija kkonċernata l-kawża preżenti.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Il-Liġi fis-seħħ fiż-żmien li ġiet deċiża Friesland Coberco

a) Ir-Regolament Nru 2913/92

8. L-Artikolu 130 tar-Regolament Nru 2913/92[10] kien jiddeskrivi l-proċedura tal-ipproċessar taħt il-kontroll doganali li kienet tippermetti li prodotti li jirriżultaw minn dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar jinħelsu għal ċirkolazzjoni libera bir-rata ta' dazju fuq l-importazzjoni applikabbli għalihom. Skont l-Artikolu 132 kienet meħtieġa awtorizzazzjoni.

9. L-Artikolu 133 tar-Regolament Nru 2913/92[11] kien jistabbilixxi l-kundizzjonijiet sabiex tingħata awtorizzazzjoni bħal din:

"L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss:

[…]

(e) meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet neċessarji sabiex il-proċedura tgħin biex tinħoloq jew tinżamm attività ta' l-ipproċessar fil-Komunità mingħajr ma tolqot ħażin l-interessi essenzjali ta' produtturi tal-Komunità li jipproduċu merkanzija simili (kondizzjonijiet ekonomiċi). Il-każi fejn il-kondizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu bħala mwettqa jistgħu jiġu stabbiliti bi qbil mal-proċedura tal-kumitat."

10. L-Artikoli 247 sa 249 tar-Regolament Nru 2913/92 kienu jiddeskrivu l-irwol tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali meta jassisti lill-Kummissjoni skont it-termini tar-regolament. L-Artikolu 249 tar-Regolament Nru 2913/92 jipprevedi:

"Il-Kumitat jista' jeżamina kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-leġiżlazzjoni tad-dwana mqajma mill-President, jew minn rajh jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru."

10 Ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307) finalment ħassar permezz tar-Regolament Nru 952/2013. Il-Kodiċi Doganali Modernizzat skont ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) (ĠU 2008, L 145, p. 1), li kien intiż li jissostitwixxih, ġie ssostitwit mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni skont ir-Regolament Nru 952/2013 anki qabel il-Kodiċi Doganali Modernizzat ma kien daħal fis-seħħ kompletament.

11 Kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 10, p. 239).

b) Ir-Regolament Nru 2454/93

11. L-Artikolu 502 u l-Artikolu 504 tar-Regolament Nru 2454/93 [12] kienu jappartjenu mat-taqsima "Kondizzjonijiet ekonomiċi". It-tnejn li huma kienu jirreferu għar-rwol tal-awtoritajiet doganali nazzjonali meta l-Kumitat tal-Kodiċi Doganali kien iwettaq eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. L-Artikolu 502(1) tar-Regolament Nru 2454/93 kien jipprevedi:

"Ħlief fejn il-kondizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu li jkunu mwettqa skond il-Kapitolu 3, 4 jew 6, l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tingħata mingħajr eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi mill-awtoritajiet doganali."

12. L-Artikolu 504(1) u (4) tar-Regolament Nru 2454/93 kien jipprevedi:

"1. Fejn ikun inbeda eżami skond l-Artikolu 503, il-każ għandu jintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jkollu fih ir-riżultati ta' l-eżami diġa mwettaq.

[…]

4. Il-konklużjoni tal-Kumitat għandu jingħata kont tagħha mill-awtoritajiet doganali konċernati u mill-awtoritajiet doganali l-oħrajn li jittrattaw ma' awtorizzazzjonijiet jew applikazzjonijiet simili.

[…]"

2. Il-Liġi applikabbli fil-kawża preżenti

a) Il-Kodiċi Doganali

13. Huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-verżjoni riformulata tal-Kodiċi Doganali. Skont l-Artikolu 210 tal-Kodiċi Doganali, il-merkanzija tista' titqiegħed taħt proċeduri speċjali inkluża l-proċedura ta' pproċessar attiv.

14. L-Artikolu 211 tal-Kodiċi Doganali fl-ewwel paragrafu jelenka proċeduri li jeħtieġu awtorizzazzjoni, u l-paragrafi 4 sa 6 jittrattaw kundizzjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu ssodisfatti, fost oħrajn, għall-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' pproċessar attiv. Dawn id-dispożizzjonijiet jaqraw hekk:

"1. Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet doganali hija meħtieġa għal dan li ġej:

(a) l-użu tal-proċedura tal-ipproċessar attiv jew passiv, tal-proċedura ta' dħul temporanju jew tal-użu aħħari;

[…]

4. Ħlief meta jkun provdut mod ieħor u b'żieda mal-paragrafu 3, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata biss fejn jkunu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jeżerċitaw superviżjoni doganali mingħajr ma jkollhom għalfejn jintroduċu arranġamenti amministrattivi li mhumiex proporzjonali għall-ħtiġijiet ekonomiċi involuti;

12 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 156, impliċitament imħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/481 tal-1 ta' April 2016 li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, ĠU 2016, L 87, p. 24.

(b) l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni ma jkunux affettwati ħazin minn awtorizzazzjoni għal proċedura tal-ipproċessar (kondizzjonijiet ekonomiċi).

5. L-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni għandhom jitqiesu li m'humiex affettwati ħażin, kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 4, ħlief fejn teżisti prova li turi l-kontra jew fejn il-kondizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu li ntlaħqu.

6. Fejn teżisti prova li l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni x'aktarx ikunu affettwati ħażin, għandu jsir eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi fil-livell tal-Unjoni."

15. L-Artikolu 212 tal-Kodiċi Doganali intitolat "Id-delega tas-setgħa" jipprevedi:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 284, li jispeċifikaw:

(a) il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 211(1);

(b) l-eċċezzjonijiet għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 211(3) u (4);

(c) il-każijiet fejn jitqies li l-kondizzjonijiet ekonomiċi jkunu sodisfatti kif imsemmi fl-Artikolu 211(5)."

16. L-Artikolu 213 tal-Kodiċi Doganali għandu t-titolu "L-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni" u għandu l-kliem li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli ta' proċedura għall-eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi msemmijin fl-Artikolu 211(6).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 285(4)."

b) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2015/2446

17. L-Artikolu 166(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ("ir-regolament delegat")[13] jistabbilixxi r-regola ġenerali li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 211(4)(b) tal-Kodiċi Doganali ma japplikawx għal awtorizzazzjonijiet ta' pproċessar attiv u jistabbilixxi tliet eċċezzjonijiet għal dik ir-regola.

18. L-Artikolu 167 tar-regolament delegat jistabbilixxi 19-il każ li fihom il-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-ipproċessar attiv skont l-Artikolu 211(5) tal-Kodiċi Doganali huma meqjusa li huma ssodisfatti.

13 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35, fil-ĠU 2017, L 101, p. 164, u fil-ĠU 2018, L 75, p. 41).

c) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/2447

19. L-Artikolu 259(1), (4), (5) u (6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ("ir-regolament ta' implimentazzjoni")[14] li jittratta l-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi skont l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali għandu il-kliem li ġej:

"1. Meta wara applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi, ikun meħtieġ li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet ekonomiċi skont l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi, l-amministrazzjoni doganali tal-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għandha tittrażmetti l-fajl lill-Kummissjoni mingħajr dewmien biex titlob tali eżaminazzjoni.

[…]

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' esperti, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi jkunux ġew sodisfatti jew le.

5. Il-konklużjoni li ntlaħqet dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi għandha titqies mill-awtorità doganali kkonċernata u minn kwalunkwe awtorità doganali oħra li titratta applikazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet simili.

Fil-konklużjonijiet li saru, jistgħu jkunu speċifikati l-kundizzjonijiet ekonomiċi li l-każ eżaminat huwa uniku u għalhekk ma jistax iservi bħala preċedent għal applikazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet oħra.

6. Meta jkun ġie konkluż li l-kundizzjonijiet ekonomiċi mhumiex aktar issodisfati, l-awtorità doganali kompetenti għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni rilevanti. Ir-revoka għandu jkollha effett mhux aktar tard minn sena wara l-jum ta' wara d-data li fiha tasal id-deċiżjoni dwar ir-revoka għand id-detentur tal-awtorizzazzjoni."

d) Regoli oħra relatati mal-gruppi ta' esperti

20. L-Artikolu 3(1)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali fuq il-ħolqien u l-operazzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni[15] marbuta mal-komunikazzjoni lill-qafas tal-Kummissjoni għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni: Regoli Orizzontali u reġistru pubbliku[16] ("regoli orizzontali") jipprevedi li gruppi ta' esperti jipprovdu pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni. Skont l-Artiklu 5 ta' din id-deċiżjoni, il-mandati u l-kompiti tagħhom għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar.

21. Il-Grupp ta' Esperti Doganali huwa stabbilit taħt it-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Esperti.[17] Huwa suġġett għar-regoli orizzontali għal gruppi esperti tal-Kummissjoni u, skont l-Artikolu 2(g) tat-termini ta' referenza, għandu jipprovdi pariri relatati mal-eżami ta' jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi humiex issodisfatti.

14 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 558, u rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35, u fil-ĠU 2017, L 101, p. 195).

15 C(2016) 3301.

16 C(2016) 3300.

17 Nota lir-Reġistru tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni, Ref. Ares (2016) 2109319 tat-3 ta' Mejju 2016.

22. Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regoli ta' proċedura tal-Grupp ta' Esperti Doganali [18] kull Stat Membru huwa kkunsidrat li huwa membru wieħed tal-Grupp ta' Esperti Doganali u jiddeċiedi fuq il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni tiegħu. L-Artikolu 8 ta' dawn ir-regoli ta' proċedura jiddeskrivi l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Grupp ta' Esperti Doganali meta jagħti parir lill-Kummissjoni dwar it-twettiq tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. Huwa jipprovdi li għandu jittieħed vot jekk il-grupp ma jistax jilħaq kunsens. Membri li jivvutaw kontra konferma li jeżistu l-kundizzjonijiet ekonomiċi għandhom jagħtu r-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħhom skont l-Artikolu 8(e) ta' dawn ir-regoli ta' proċedura.

III. Sfond tal-proċeduri [19]

23. Fil-21 ta' Frar 2017, Euro-MitStaal BV ("EMS") issottomettiet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' pproċessar attiv ta' ċerti tipi ta' GOES ta' oriġini Ġappuniża lill-awtoritajiet doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi. Dik l-applikazzjoni saret abbażi tal-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi Doganali.

24. Fis-27 ta' Frar 2017, l-awtoritajiet doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi, li aġixxew skont l-Artikolu 259(1) tar-regolament ta' implimentazzjoni, ittrażmettew il-fajl lill-Kummissjoni li bih talbu eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi skont l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali u "sabiex jikkonkludu li [huma kienu] issodisfatti u [li] l-awtorizzazzjoni [setgħet] tingħata" [20].

25. Il-kwistjoni ġiet ittrattata fis-sitt laqgħa tat-Taqsima tal-Grupp ta' Esperti Doganali "Proċeduri Speċjali għajr ta' tranżitu" tat-2 ta' Mejju 2017 fejn vot mill-membri dwar it-talba biex jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi ġewx issodisfatti jew le wassal għal riżultat favorevoli. Il-Kummissjoni, fuq dik il-bażi, ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet ekonomiċi kienu ssodisfatti. Dan ir-riżultat ġie stabbilit fil-minuti ta' dik il-laqgħa ("il-konklużjoni kkontestata").

26. Fl-istess jum, l-awtorità doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi ħarġet l-awtorizzazzjoni għal ipproċessar attiv lil EMS għall-perijodu mit-2 ta' Mejju 2017 sal-1 ta' Mejju 2020. Fit-12 ta' Lulju 2017, l-appellanti ssottomettew avviżi ta' oppożizzjoni għall-għoti ta' dik l-awtorizzazzjoni lill-EMS lill-awtorità doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi. Fid-deċiżjonijiet preliminari tagħha tal-11 ta' Diċembru 2017 fuq dawk l-oppożizzjonijiet, l-awtorità doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi ddikjarat li kienet "obbligata" ("verplicht") li tagħti l-awtorizzazzjonijiet mitluba, għaliex hija kellha "tieħu inkunsiderazzjoni l-konklużjoni milħuqa dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi" [21].

IV. Proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

27. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Awwissu 2017, l-appellanti talbu l-annullament tal-konklużjoni kkontestata.

28. Il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà [22] bbażata fuq l-assenza ta' att kontra liema jista' jitressaq rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE u, sussidjarjament dwar in-nuqqas tal-appellanti li jkunu kkonċernati direttament u individwalment, li huwa meħtieġ skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. EMS talbet permess li tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

18 Ref. Ares(2016) 2616740 tas-6 ta' Ġunju 2016.

19 Paragrafi 1 sa 8 tad-digriet appellat.

20 Paragrafu 2 tad-digriet appellat.

21 Kif indikaw l-appellanti fl-appell tagħhom, id-deċiżjoni finali tal-awtorità doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi tat-8 ta' Jannar 2018 ċaħdet l-oġġezzjonijiet fuq il-bażi li l-prodotturi tal-Unjoni ma kinux direttament u individwalment ikkonċernati bl-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 44 tal-Kodiċi Doganali u rreferew biss għal dak li huwa kkunsidrat bħala obbligu li tingħata l-awtorizzazzjoni mitluba bħala argument ulterjuri għal ċaħda.

22 Skont l-Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali,

29. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti fuq il-bażi li l-konklużjoni kkontestata ma għandhiex in-natura ta' att kontestabbli [23], mingħajr ma kien meħtieġ li tiġi eżaminata t-tieni oġġezzjoni għall-ammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u mingħajr ma daħlet fil-mertu tal-kawża. Madankollu, skont l-Artikolu 135(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ġiet ordnata sabiex tħallas l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk inkorsi mill-appellanti. Peress li r-rikors tal-appellanti ġie miċħud bħala inammissibbli, ma kienx hemm il-bżonn li tiġi deċiża t-talba għal intervent mill-EMS.

V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-forom ta' digriet mitluba

30. Fit-13 ta' Settembru 2018 l-appellanti appellaw mid-digriet appellat. L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad id-digriet appellat, tiddeċiedi hija stess fuq l-ammissibbiltà, inkluż fuq it-tieni oġġezzjoni ta' ammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, tirrinvija l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex din il-qorti tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikorsi, u tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż.

31. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad l-appell u tordna lill-appellanti jħallsu l-ispejjeż.

32. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Diċembru 2018, EMS talbet sabiex tintervjeni fil-kawża preżenti insostenn tad-digriet mitlub mill-Kummissjoni [24]. Dan ġie miċħud permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Marzu 2019 [25], peress li EMS ma kinitx stabbilixxiet interess fl-eżitu tal-kawża.

VI. L-Appell

33. L-appellanti jibbażaw ruħhom fuq ħames aggravji. L-ewwel nett, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ddeċidiet li l-Kodiċi Doganali u r-regolamenti delegati u ta' implimentazzjoni relatati ma jagħtux lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta deċiżjonijiet li jorbtu lill-awtoritajiet doganali nazzjonali fl-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. It-tieni, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li r-rwol tal-Kummissjoni waqt l-eżami ta' kundizzjonijiet ekonomiċi huwa purament ta' natura proċedurali. It-tielet, huma jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ttrattat is-sentenza Friesland Coberco bħala preċedent legali vinkolanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni. Ir-raba', fl-opinjoni tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta naqset milli tikkunsidra l-"Prattika amministrattiva rigward l-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi skont l-Artikoli 211(6) UCC u 259 IA UCC" [26] ("prattika amministrattiva"), applikabbli mill-1 ta' Settembru 2016 bħala evidenza tan-natura vinkolanti tal-konklużjonijiet ikkontestati dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi. Il-ħames u l-aħħar nett, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ma kkunsidratx li l-appellanti kienu direttament u individwalment ikkonċernati mill-konklużjoni kkontestata.

34. L-ewwel erba' aggravji huma diretti lejn żbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fl-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-konklużjoni kkontestata tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat. Għalkemm huwa biss it-tielet aggravju li jiffoka fuq id-differenzi fid-dispożizzjonijiet ikkunsidrati mill-Qorti tal-Ġustizzja fi Friesland Coberco, huwa ċar mill-appell li l-parti l-kbira tal-argumenti li jappoġġjaw l-ewwel tliet aggravji huma bbażati fuq id-differenza bejn il-kuntest ġuridiku qabel u wara d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Doganali. Għalhekk huwa xieraq li l-ewwel tliet aggravji jiġu kkunsidrati

23 Punt 70 tad-digriet appellat.

24 Skont l-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

25 thyssenkrupp Electrical Steel u thyssenkrupp Electrical Steel Ugo vs Il-Kummissjoni (C-572/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:188).

26 Ref. Ares (2016)4155451– 05/08/2016.

flimkien. Jekk ir-raba' aggravju, li jqajjem il-kwistjoni tal-effetti legali ta' prattika amministrattiva għall-finijiet tad-deċiżjoni dwar jekk il-konklużjoni kkontestata tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat, għandux jiġi kkunsidrat jiddependi mir-risposta għall-ewwel tliet aggravji, filwaqt li l-ħames aggravju jista' biss isir rilevanti jekk jiġi stabbilit żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali.

A. Interess legali f'li jinġiebu proċeduri

35. Bħala rimarka preliminari, il-Kummissjoni indikat li l-Qrati tal-Unjoni jistgħu jeżaminaw *ex officio* jekk azzjoni ġietx nieqsa minn skop u għalhekk ma hemmx iktar bżonn li tingħata deċiżjoni fuqha [27] fi kwalunkwe punt ta' żmien matul il-proċeduri. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, rikors għal annullament imressaq minn persuna fiżika jew ġuridika fil-fatt huwa ammissibbli biss sa fejn dik il-persuna għandha interess li l-att ikkontestat jiġi annullat. Tali interess jirrikjedi li l-annullament ta' dak l-att għandu jkun jista', fih innifsu, jkollu konsegwenzi legali u li r-rikors jista' għalhekk, permezz tal-eżitu tiegħu, jagħti vantaġġ lill-parti li ressqitu. [28] Dan seta' ma kienx ikun il-każ jekk l-appellanti ma kinux bdew proċeduri legali kontra ċ-ċaħda min-naħa tal-awtorità doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi tal-oġġezzjonijiet tagħhom għall-awtorizzazzjoni tal-ipproċessar attiv mogħti lil EMS u għalhekk ippermettiet li dik l-awtorizzazzjoni ssir deċiżjoni vinkolanti. [29] Peress li l-appellanti ressqu tali proċeduri – fatt li huwa aċċettat mill-Kummissjoni – ma hawnx dubju hawnhekk dwar l-interess kontinwu tal-appellanti sabiex jibdew proċeduri.

B. L-ewwel tliet aggravji relatati mal-eżistenza ta' att li jista' jiġi kkontestat għall-finijiet tal-Artikolu 263 TFUE

1. L-argumenti tal-partijiet

36. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jissottomettu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet fil-punt 48 tad-digriet appellat li la l-Kodiċi Doganali u lanqas ir-regolament delegat jew ir-regolament ta' implimentazzjoni ma jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta deċiżjonijiet li jorbtu lill-awtoritajiet nazzjonali fi proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għal ipproċessar attiv. L-appellanti jiddeduċu dan mill-fatt li, taħt is-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni stabbilixxiet proċedura li fiha l-kwistjoni jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi humiex issodisfatti għandha tiġi eżaminata fuq livell tal-Unjoni filwaqt li, u f'dan ir-rigward tidher differenza b'paragun mal-verżjoni preċedenti tal-kodiċi doganali [30] li kien fis-seħħ u kkunsidrat fi Friesland Coberco, l-awtoritajiet nazzjonali ma ngħataw l-ebda setgħa ta' eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi.

37. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, fil-punt 49 tad-digriet appellat, hija kkaratterizzat ir-rwol tal-Kummissjoni meta wettqet l-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi bħala wieħed purament proċedurali. Huma jiddikjaraw li ma hemm xejn fil-Kodiċi Doganali jew fir-regolamenti delegati jew ta' implimentazzjoni li jillimita r-rwol tal-Kummissjoni għat-teħid tal-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti Doganali u għall-għadd tal-voti. Peress li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata li ssegwi l-parir tal-Grupp ta' Esperti Doganali, l-appellanti jressqu l-fehma li l-Kummissjoni għandha tkun "legalment responsabbli sabiex tasal għall-konklużjoni fuq kundizzjonijiet ekonomiċi".

27 Artikolu 149 tar-Regoli tal-Proċedura.

28 Ara għal dan l-effett, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni (C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 55).

29 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill (C-100/17 P, EU:C:2018:214, punt 99) li ttrattaw il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm "interess kontinwu" meta talba għal ħlas lura li tista' teżisti jekk rikors għal annullament ikun irnexxa, ma tkunx saret fil-ħin.

30 Regolament Nru 2913/92.

38. Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti joġġezzjonaw għad-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punti 60 u 61 tad-digriet appellat. Hemmhekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Artikolu 504(4) tar-Regolament Nru 2454/93 fi Friesland Coberco hija valida wkoll għall-Artikolu 295(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni, li hija applikabbli hawnhekk. Hija tikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet "jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti".

39. Insostenn tal-aggravju tagħhom, l-appellanti jibbażaw ruħhom fuq bidliet fil-leġiżlazzjoni, pereżempju, li d-definizzjoni ta' "kundizzjonijiet ekonomiċi" inbidlet u li l-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma għad għandu l-ebda rwol fl-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi; fatti li fuqhom, skont l-appellanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ibbażat ruħha ħafna fir-raġunament tagħha fi Friesland Coberco. Barra minn hekk, l-appellanti jindikaw id-differenza fil-kliem bejn l-Artikolu 502(1) tar-Regolament Nru 2454/93 minn naħa waħda u l-Artikoli 211(6) tal-Kodiċi Doganali u l-Artikolu 259(1) tar-Regolament ta' implimentazzjoni min-naħa l-oħra, li jċaqlaq l-attenzjoni minn eżami mill-awtoritajiet doganali għal eżami fuq livell tal-Unjoni.

40. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argumenti tal-appellanti u tindika l-fatt li l-istituzzjonijiet jistgħu jadottaw biss atti vinkolanti jekk hemm bażi legali ċara biex jagħmlu dan. Skont il-Kummissjoni dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Hija ssostni wkoll li d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja tal-appellanti huwa żgurat suffiċjentement, anki jekk ma jistgħux jappellaw il-konklużjoni kkontestata għaliex hija miftuħa għall-ġurisdizzjoni nazzjonali li titlob deċiżjoni preliminari fil-proċeduri mressqa mill-appellanti kontra d-deċiżjoni tal-awtorità doganali Olandiża. Il-Kummissjoni tissottometti wkoll li s-sentenza fi Friesland Coberco tibqa' sentenza tajba. Fl-opinjoni tagħha, il-fatt li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi sottostanti ġew irriformulati fl-2013 la jaffettwa n-natura legali u l-effetti legali tal-konklużjoni u lanqas ir-rilevanza tar-raġunament f'dik il-kawża.

2. Evalwazzjoni

41. "Konklużjoni" ma hijiex waħda mit-tipi ta' miżuri elenkati fl-Artikolu 288 TFUE permezz ta' liema l-istituzzjonijiet jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom u għal liema huwa ddikjarat b'mod ċar jekk għandhomx natura vinkolanti jew le[31]. Kif stabbilixxiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 24 tad-digriet appellat, hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li kwalunkwe miżuri adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, fi kwalunkwe forma, li huma maħsuba li jkollhom effetti legali vinkolanti, huma kkunsidrati bħala miżuri li jistgħu jiġu kkontestati fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE[32]. Kif il-Qorti Ġenerali ġustament indikat fil-punt 28 tad-digriet appellat, jekk il-miżura tipproduċi dawk l-effetti għandha tiġi deċiża billi jiġi eżaminat il-mertu tagħha. Għandha tiġi evalwata skont kriterji oġġettivi, bħall-kontenut tagħha, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fiha ġiet adottata u s-setgħat tal-istituzzjonijiet li adottawha[33].

31 Anki f'dik il-kategorija hemm eċċezzjonijiet, għalkemm, b'mod partikolari, fil-każ li miżura li, skont id-denominazzjoni tagħha, ma hijiex vinkolanti, minħabba l-kontenut tagħha ma tikkostitwixxix att ġenwinament mhux vinkolanti. Ara għal dan l-għan, is-sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 29 fir-rigward ta' rakkomandazzjoni).

32 Sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (C-31/13 P, EU:C:2014:70, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-25 ta' Ottubru 2017, Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (C-599/15 P, EU:C:2017:801, punt 47). Ara wkoll, madankollu, l-analiżi tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu f'Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2017:959) li turi li kien hemm żvilupp fil-ġurisprudenza milli teħtieġ miżuri li sempliċiment ikollhom "effett legali" għal li teħtieġ li jkollhom "effett legali vinkolanti" u l-kritika tiegħu ta' dan l-iżvilupp u l-proposta tiegħu li nerġgħu lura għall-ewwel kriterju.

33 Sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (C-31/13 P, EU:C:2014:70, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-25 ta' Ottubru 2017, Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (C-599/15 P, EU:C:2017:801, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan huwa kkonfermat mill-kawżi li fihom l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra n-natura tal-"konklużjonijiet" fil-passat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għamlet l-ebda inferenza mit-titolu magħżul għall-miżura. Fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (WRC-15) (C-687/15, EU:C:2017:803) il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 45, tiddeskrivi l-inċertezza li nħolqot bl-adozzjoni ta' "konklużjoni" fir-rigward tan-natura legali u l-ambitu ta' dak l-att "f'din il-kawża". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kunsill, f'dawk iċ-ċirkustanzi, kien imissu adotta att li kien b'mod ċar vinkolanti, jiġifieri deċiżjoni. Fi Friesland Coberco, sentenza li ser nirritorna għaliha, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni, wara li eżaminat dawn il-kriterji kollha, li l-konklużjoni inkwistjoni ma kinitx vinkolanti.

42. L-enfasi tal-aggravji tal-appellanti qiegħda fuq is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta miżura vinkolanti. Madankollu, skont il-prinċipji stabbiliti fl-aħħar punt, id-deċiżjoni dwar jekk il-miżura hijiex ta' natura vinkolanti għandha tittieħed fid-dawl tal-kriterji kollha, pjuttost milli wieħed jiffoka fuq wieħed biss.[34] Għaldaqstant, għalkemm l-appellanti prinċipalment immiraw l-attakk tagħhom fuq id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa li tadotta miżuri vinkolanti – meħuda inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-Kummissjoni f'dak il-kuntest – l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali għandha madankollu titqies fid-dawl tal-aspetti kollha.

a) Il-kontenut tal-miżura u l-kuntest tal-adozzjoni tagħha

43. Il-kontenut tal-konklużjoni kkontestata huwa limitat għad-dikjarazzjoni "COM ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet ekonomiċi huma ssodisfatti". Dan jista' jinftiehem biss fil-kuntest xieraq tiegħu. Il-kuntest legali u fattwali tad-deċiżjoni ġie deskritt mill-Qorti Ġenerali fil-punti 31 sa 43 tad-digriet appellat. Dalwaqt ser nirrikapitula dan sabiex nevalwa d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

44. Il-konklużjoni kkontestata ntlaħqet fi ħdan l-ambitu ta' proċedura mibdija minn EMS fejn EMS talbet awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' pproċessar attiv. Din l-awtorizzazzjoni hija meħtieġa skont l-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi Doganali meta merkanzija hija mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv skont l-Artikolu 210(d) tal-Kodiċi Doganali. L-awtoritajiet kompetenti għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din huma l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru[35]. L-Artikolu 211(3) u (4) tal-Kodiċi Doganali jelenka r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Filwaqt li l-paragrafu (3) jittratta rekwiżiti personali li l-applikant irid jissodisfa, il-paragrafu (4) jistabbilixxi żewġ kriterji oħra, l-ewwel, wieħed ta' proporzjonalità fir-rigward tas-superviżjoni tas-sistema mill-awtoritajiet doganali u, it-tieni, li l-kundizzjonijiet ekonomiċi għandhom jiġu ssodisfatti. L-aħħar kriterju, li jinsab fl-Artikolu 211(4)(b) tal-Kodiċi Doganali, jiddikjara li "l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni ma jkunux affettwati ħazin minn awtorizzazzjoni għal proċedura tal-ipproċessar".

45. Madankollu, minħabba kundizzjonijiet ulterjuri pjuttost kumplessi u finzjonijiet legali, il-kawżi li fihom dan ir-rekwiżit fil-fatt irid jiġi eżaminat, huma fil-fatt pjuttost limitati.[36] F'dawk il-każijiet rari li għad fadal, l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali jeħtieġ li jsir test f'żewġ stadji. L-ewwel, għandu jiġi aċċertat li "teżisti prova li l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni x'aktarx ikunu affettwati ħażin"[37]. Kwalunkwe eżami ta' din in-natura jitwettaq mill-awtorità doganali nazzjonali. Huwa biss ladarba jinqabeż dan il-limitu ulterjuri li jsir eżami ddettaljat tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. L-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali imbagħad jispeċifika li l-eżami *għandu jsir fuq livell tal-Unjoni*.

34 Ara għal dan l-għan, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (C-599/15 P, EU:C:2017:801) kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'L-Islovakkja vs Il-Kummissjoni u ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (C-593/15 P u C-599/15 P, EU:C:2017:441, punt 46).

35 L-Artikolu 211(1). L-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi Doganali jiddefinixxi l-awtorità doganali kompetenti.

36 Skont l-Artikolu 166(1) tar-regolament delegat il-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-fatt ser jiġu eżaminati biss fi tliet każi. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ekonomiċi għal ipproċessar attiv huma diġà meqjusa bħala aċċettati għal 19-il operazzjoni li huma elenkati fl-Artikolu 167 tar-regolament delegat.

37 Skont xi verżjonijiet lingwistiċi, għandu jiġi stabbilit ukoll li hemm probabbiltà bħal din. Ara l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tal-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali: "Lorsqu'il est prouvé que les intérêts essentiels des producteurs de l'Union risquent d'être affectés négativement […]".

b) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tasal għal konklużjoni dwar il-kwistjoni tal-kundizzjonijiet ekonomiċi li hija vinkolanti fuq l-awtoritajiet doganali nazzjonali?

46. L-Artikolu 259 tar-regolament ta' implimentazzjoni ġie adottat skont is-setgħat ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jinsabu fl-Artikolu 213 tal-Kodiċi Doganali [38]. Kif tindika l-Qorti Ġenerali fil-punt 36 tad-digriet appellat, l-Artikolu 259(1) tar-regolament ta' implimentazzjoni jipprovdi li "l-amministrazzjoni doganali tal-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għandha tittrażmetti l-fajl lill-Kummissjoni mingħajr dewmien biex titlob tali eżaminazzjoni." L-Artikolu 259(4) tar-regolament ta' implimentazzjoni mbagħad jiddikjara li l-grupp ta' esperti li stabbilixxiet il-Kummissjoni għandu *jagħti parir* lill-Kummissjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi humiex issodisfatti jew le. In-natura sempliċiment konsultattiva ta' dan ir-rwol hija enfasizzata mill-Artikoli 3 u 5(1) tar-regoli orizzontali taħt liema ġie stabbilit il-Grupp ta' Esperti Doganali kif ukoll mill-Artikolu 2(g) tat-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Esperti Doganali [39]. Kif indikat il-Qorti Ġenerali fil-punt 38 tad-digriet appellat, "skont ir-regoli orizzontali dwar il-gruppi ta' esperti, ir-rwol ta' dawk il-gruppi huwa li jagħtu parir lill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni, politika u programmi, fuq il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri".

47. Imbagħad il-Qorti Ġenerali ddeskriviet, fil-punt 39, ir-rwol tal-Kummissjoni, li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tat-termini ta' referenza msemmija iktar 'il fuq tal-Grupp ta' Esperti Doganali u tal-Artikolu 3 tar-regoli ta' proċedura tiegħu [40] ssejjaħ u tippresjedi fuq il-laqgħat tat-taqsima ta' "Proċeduri Speċjali għajr ta' Tranżitu" meta dik it-taqsima teżamina l-kundizzjonijiet ekonomiċi. Madankollu, jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim, il-vot – u d-deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi fi ħdan dik it-taqsima jittieħed mir-rappreżentanti tal-Istati Membri. [41] Filwaqt li r-regoli ta' proċedura jibqgħu siekta dwar dak li jiġri ladarba jintlaħaq ftehim jew ikun ittieħed vot, jidher mill-minuti li fih tinsab il-konklużjoni kkontestata, li l-Kummissjoni ħadet dak ir-riżultat u ddokumentatu fil-minuti tal-laqgħa bħala l-konklużjoni rigward il-kundizzjonijiet ekonomiċi. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddikjarat korrettament fil-punt 50 tad-digriet appellat li ma jidhirx mill-proċedura ta' eżami stabbilita taħt is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 213 tal-Kodiċi Doganali, jekk, b'żieda mat-teħid u l-għadd tal-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti Doganali, il-Kummissjoni għandhiex tesprimi l-opinjoni tagħha jew jekk hija nnifisha għandhiex is-setgħa li tevalwa l-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi humiex issodisfatti.

48. L-appellanti ma jattakkaw l-ebda waħda minn dawn id-deċiżjonijiet. Lanqas ma jattakkaw il-punt 46 tad-digriet appellat fejn il-Qorti Ġenerali tinvoka l-prinċipju li s-setgħat tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jeħtieġu bażi legali speċifika li tiċċirkoskrivi l-firxa eżatta tagħhom peress li l-istituzzjonijiet huma intitolati biss li jaġixxu f'dawk il-limiti [42]. Il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-konklużjoni minn dik l-evalwazzjoni, jiġifieri, li setgħa ma tistax tkun sempliċiment implikata.

49. L-appellanti ma jidentifikaw l-ebda dispożizzjoni li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta deċiżjonijiet li huma vinkolanti fuq l-awtoritajiet nazzjonali rigward l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u, kif inhu ċar mill-proċedura deskritta hawn fuq, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li ma hemm l-ebda dispożizzjoni bħal din.

38 Skont il-premessa 49 ta' dak ir-regolament, dan sar sabiex jiġu stabbiliti regoli ċari u sempliċi għal eżami xieraq fuq livell tal-Unjoni fejn teżisti evidenza li l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni x'aktarx ikunu affettwati ħażin. Għalkemm fil-fehma tiegħi dan ma jidhirx deċiżiv, nixtieq nindika, li ma tissemma l-ebda referenza speċjali għall-applikazzjoni uniformi tar-regoli. Il-premessa 49 tar-regolament delegat tiddikjara biss li "Iċ-ċertezza legali u t-trattament ugwali bejn l-operaturi ekonomiċi jeħtieġu *l-indikazzjoni tal-każijiet* li fihom irid isir eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi għal proċessar attiv u passiv." (enfasi miżjuda).

39 Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Esperti Doganali, Ref. Ares (2016) 2109319 – 03/05/2016.

40 Regoli ta' Proċedura tal-Grupp ta' Esperti Doganali, Ref. Ares (2016)2616740 – 06/06/2016.

41 L-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Grupp ta' Esperti.

42 Ara wkoll, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs McBride *et* (C-361/14 P, EU:C:2016:434, punt 36) u tat-12 ta' Settembru 2017, Anagnostakis vs Il-Kummissjoni (C-589/15 P, EU:C:2017:663, punt 98)

50. Dan ma huwiex ikkontestat mill-argumenti tal-appellanti. L-argument tagħhom huwa minflok ibbażat fuq il-bidliet fil-leġiżlazzjoni li seħħew mid-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Doganali u r-regolament ta' implimentazzjoni li jakkumpanjah. Filwaqt li l-Artikolu 502(1) tar-Regolament Nru 2454/93 kien jipprovdi li "l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tingħata mingħajr eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi *mill-awtoritajiet doganali*"[43], ir-regolament ta' implimentazzjoni ma fihx dispożizzjoni paragunabbli. L-appellanti jargumentaw bi proċess ta' eliminazzjoni. Huma jsostnu li jekk la l-awtoritajiet nazzjonali u lanqas il-Grupp ta' Esperti Doganali ma għandhom speċifikament is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi inkwistjoni, il-Kummissjoni għandha neċessarjament tingħata s-setgħa li tagħmel dan. Għal dan l-argument kieku nirrispondi kif ġej.

51. L-ewwel nett, ma huwiex pjuttost korrett li wieħed jgħid li l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhom l-ebda awtorità li jeżaminaw il-kundizzjonijiet ekonomiċi. Kif ġie deskritt fil-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, skont l-Artikolu 211(5) tal-Kodiċi Doganali, jivverifikaw jekk teżistix evidenza li interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni x'aktarx li jkunu affettwati ħażin. Sabiex jiġi vverifikat jekk evidenza bħal din teżistix, l-awtoritajiet nazzjonali ċertament ser ikollhom jagħmlu eżami pjuttost bir-reqqa, partikolarment għaliex l-istruttura kollha tad-dispożizzjonijiet donnha timmulta kontra li tinsab tali evidenza.

52. It-tieni, huwa importanti li jiġi enfasizzat li ma hemm xejn fit-test attwali tal-Artikolu 259 tar-regolament ta' implimentazzjoni li jindika li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li laħqet fir-rigward tal-kwistjoni tal-kundizzjonijiet ekonomiċi tista' tiġi kkunsidrata bħala vinkolanti. L-Artikolu 259(5) jiddikjara sempliċiment li l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi "għandha titqies mill-awtorità doganali kkonċernata", kliem li – kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat fi Friesland Coberco fir-rigward ta' lingwaġġ simili f'verżjoni iktar bikrija ta' din id-dispożizzjoni – f'termini jissuġġerixxi li d-deċiżjoni aħħarija taqa' mal-awtorità doganali kompetenti kkonċernata[44].

53. Dan huwa enfasizzat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 259(6) tar-regolament ta' implimentazzjoni li jiddikjara li fejn il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-kundizzjonijiet ekonomiċi ma għadhomx issodisfatti, "l-awtorità doganali kompetenti *għandha tirrevoka* l-awtorizzazzjoni rilevanti." Il-kliem li ħadt il-libertà li nenfasizza ("għandha tirrevoka") jobbligaw b'mod ċar lill-awtorità doganali kompetenti li tirrevoka l-awtorizzazzjoni meta l-Kummissjoni tkun waslet għal konklużjoni negattiva. Il-kuntrast bejn il-kliem tal-Artikolu 259(5) ("[…] għandha tqis […]") u l-Artikolu 259(6) ("[…] għandha tirrevoka […]") tar-regolament ta' implimentazzjoni huwa fih innifsu suffiċjenti sabiex juri l-punt li filwaqt li l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni magħmula skont l-Artikolu 259(6) ta' dak ir-regolament huma vinkolanti, il maqlub ma huwiex veru sa fejn huma kkonċernati s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni. Biex nirrepeti, għalhekk, fil-każ tal-aħħar id-deċiżjoni aħħarija hija tal-awtorità doganali kompetenti, għalkemm għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Huma jistgħu jitbiegħdu minn dik il-konklużjoni "jekk huma jimmotivaw id-deċiżjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward."[45]

54. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar ukoll li, jekk l-ebda setgħa bħal din ma ġiet ikkonferita fuq istituzzjoni tal-Unjoni – anki f'oqsma li huma kompetenza esklużiva tal-Unjoni, bħall-politika doganali – l-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jimplimentaw dik il-politika[46]. Għaldaqstant, filwaqt li n-nuqqas ta' dispożizzjoni leġiżlattiva li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tieħu deċiżjoni vinkolanti rigward il-kundizzjonijiet ekonomiċi tipprevjeni lill-Kummissjoni milli tagħmel hekk, awtoritajiet nazzjonali ma jeħtiġux kompetenza separata sabiex jivverifikaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi meta japplikawha.

43 Enfasi miżjuda.

44 Friesland Coberco, punt 27.

45 Friesland Coberco, punt 27.

46 Ara l-Artikolu 2(1) TFUE.

55. L-appellanti jargumentaw ukoll li l-ftit każijiet li fihom il-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-fatt għandhom jiġu eżaminati fid-dettall kollha jirrigwardaw sitwazzjonijiet li jinvolvu l-applikazzjoni uniformi tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni li hija qasam ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, dan ma jistax, madankollu, jegħleb in-nuqqas ta' setgħa tal-Kummissjoni li tieħu deċiżjonijiet bħal dawn.

56. Fil-fatt, huwa għal proprju dik ir-raġuni li l-argumenti tal-appellanti bbażati fuq il-kliem tat-tieni sub-paragrafu tal-Artikolu 259(5) u tal-Artikolu 259(6) tar-regolament ta' implimentazzjoni ma jistgħux jirnexxu. Filwaqt li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni jiddikjara li konklużjoni tista' tispeċifika li l-każ ineżami huwa uniku – u għalhekk ma jistax iservi bħala preċedent bħal applikazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet oħrajn – dan fih innifsu ma jurix li konklużjoni bħal din hija vinkolanti fis-sens li ddeskrivejt.

57. L-Artikolu 259(6) tar-regolament ta' implimentazzjoni jipprevedi – b'lingwa ċertament obbligatorja ("għandha tirrevoka") – li l-awtorità doganali kompetenti hija obbligata tirrevoka awtorizzazzjoni jekk ikun ġie konkluż li l-kundizzjonijiet ekonomiċi ma għadhomx issodisfatti u anki jistabbilixxi data għal meta r-revoka għandha sseħħ l-iktar tard, id-dispożizzjoni hija madankollu limitata għal dak is-sett ta' ċirkustanzi.

58. Madankollu, l-argument ibbażat fuq il-kliem tal-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali fis-sens li, jekk hemm tali evidenza, l-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi *għandu jsir fil-livell tal-Unjoni*, ċertament għandu piż. Madankollu, kif tindika l-Qorti Ġenerali fil-punt 34 tad-digriet appellat, filwaqt li l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali jiddikjara li eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi għandu jsir fuq livell tal-Unjoni, dan ma jindikax liema għan qiegħed jiġi segwit billi jiġi stabbilit l-eżami f'dak il-livell, u d-dispożizzjoni lanqas ma fiha xi indikazzjoni ċara dwar x'inhu fil-fatt ir-rwol tal-Kummissjoni matul dak l-eżami. B'kuntrast, l-Artikolu 211(4) tal-Kodiċi Doganali jiddikjara bla ekwivoku li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħtu awtorizzazzjoni meta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni huma ssodisfatti. Dik id-dispożizzjoni tindika b'mod ċar liema hija l-awtorità li qiegħda tieħu d-deċiżjoni. Forsi hija ħasra li l-grad meħtieġ ta' ċarezza fir-rigward ta' dan il-punt importanti huwa nieqes mill-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali.

59. L-appellanti jibbażaw ruħhom ukoll fuq il-bidla fl-identità tal-parti responsabbli għall-konklużjoni. B'kuntrast mal-pożizzjoni fir-rigward tal-Artikolu 504(4) tar-Regolament Nru 2454/93, l-entità responsabbli biex tasal għall-konklużjonijiet rigward il-kundizzjonijiet ekonomiċi issa hija l-Kummissjoni. Dan huwa ċar mill-funzjoni sempliċiment konsultattiva tal-Grupp ta' Esperti Doganali deskritt hawn fuq u rrikonoxxut mill-Qorti Ġenerali fil-punt 54 tad-digriet appellat. Skont il-leġiżlazzjoni preċedenti, kien il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali li kien jasal għal din il-konklużjoni skont l-Artikolu 504(4) tar-Regolament Nru 2454/93. Madankollu, il-fatt li l-Kummissjoni issa hija nnominata bħala l-awtur tal-konklużjoni kkontestata fih innifsu ma jfissirx li l-konklużjoni li tasal għaliha tikkostitwixxi att li huwa vinkolanti fuq l-awtorità doganali nazzjonali.

60. L-appellanti jargumentaw ukoll li, filwaqt li l-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi ma kienx mandatarju skont il-leġiżlazzjoni preċedenti[47], issa huwa skont l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi Doganali ("għandu jsir […] fil-livell tal-Unjoni")[48]. Filwaqt li dan huwa veru, dan ma jimplikax neċessarjament li l-konklużjoni meħuda hija vinkolanti fuq l-awtoritajiet doganali nazzjonali. Dan huwa kkonfermat bis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Friesland Coberco. Għalkemm il-kawża kienet tirrigwarda sett ta' ċirkustanzi li fihom il-konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali kienet mandatorja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, kif diġà rajna, li dmir li jiġi kkonsultat il-kumitat ma setax jiġi ttrattat bħala

47 Ara l-kliem tal-Artikolu 503 tar-Regolament Nru 2454/93 li jagħmlu riferiment għalih l-appellanti.

48 Kif deskritt hawn fuq, madankollu, il-każijiet li għalihom japplika huma limitati ħafna.

dmir li tiġi adottata l-konklużjoni tiegħu [49]. Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni ċara li tipprovdi mod ieħor, l-istess jista' jingħad dwar dmir li l-kundizzjonijiet ekonomiċi jiġu eżaminati fuq livell tal-Unjoni. Dan ma jwassalx neċessarjament sabiex ir-riżultat ta' dak l-eżami jkun aċċettat u approvat mill-awtorità doganali nazzjonali.

61. Dan ma jinbidilx mill-fatt li l-awtorità doganali Olandiża aġixxiet fuq il-bażi li kienet obbligata li ssegwi l-konklużjoni inkwistjoni. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha f' Bock vs Il-Kummissjoni [50], Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni [51] u Dreyfus vs Il-Kummissjoni [52] li jibbażaw ruħhom fuqhom l-appellanti, jittrattaw il-kwistjoni separata ta' jekk atti li indubbjament jistgħu jiġu kkontestati għall-finijiet tal-Artikolu 263 TFUE jaffettwawx lill-appellanti direttament. L-eżistenza ta' att li jista' jiġi kkontestat huwa rekwiżit neċessarju għal azzjoni skont l-Artikolu 263 TFUE. Il-fatt li Stat Membru jiddeċiedi li jaderixxi ma' miżura li fil-fatt ma hijiex vinkolanti ma jagħmilhiex vinkolanti, u lanqas il-fatt li miżura mhux vinkolanti tirrigwarda direttament rikorrent ma tbiddel dik il-miżura f'att li jista' jiġi kkontestat.

c) Il-forza vinkolanti tal-konklużjoni: "għandha titqies mill-awtorità doganali kkonċernata"

62. L-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni fih id-dispożizzjoni li tiddeskrivi kif l-awtorità doganali nazzjonali għandha titratta l-konklużjoni. Kif diġà indikajt, l-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni jipprevedi sempliċiment li "Il-konklużjoni li ntlaħqet dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi għandha titqies mill-awtorità doganali kkonċernata […]". Kif imsemmi hawn fuq, fi Friesland Coberco l-Qorti tal-Ġustizzja kienet mitluba tinterpreta dispożizzjoni kważi identika, jiġifieri, l-Artikolu 504 tar-Regolament Nru 2454/93. L-unika differenza hija li dik id-dispożizzjoni tirreferi għall-"konklużjoni tal-Kumitat" u ma tirreferix bħala tali għall-"kundizzjonijiet ekonomiċi". Madankollu, huwa ċar u bla dubju li taħt it-tieni waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet huma wkoll il-"kundizzjonijiet ekonomiċi" li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fi Friesland Coberco l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kliem "għandha titqies" bħala li jfissru li "[L-awtoritajiet doganali nazzjonali] jistgħu jiddevjaw minn konklużjonijiet adottati mill-Kumitat jekk huma jimmotivaw id-deċiżjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward." [53]

63. Fil-punt 60 tad-digriet appellat il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq il-punt 45 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Nogueira *et* [54] skont liema l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dispożizzjoni fi strument leġiżlattiv hija valida wkoll għad-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni li jissostitwixxu tali strument leġiżlattiv, dment li d-dispożizzjonijiet jiġu kklassifikati bħala ekwivalenti. L-appellanti ma jattakkawx dak il-prinċipju iżda pjuttost jikkontestaw jekk l-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni jistax jiġi kkunsidrat bħala ekwivalenti għal dak tal-Artikolu 504 tar-Regolament Nru 2454/93.

64. Il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fil-punt 58 tad-digriet appellat fuq il-fatt li l-kliem tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni jirriproduċi *verbatim* dak tal-Artikolu 504(4) tar-Regolament Nru 2454/93. Din il-konklużjoni ma ġietx ikkontestata fl-appell. L-appellanti lanqas ma kkontestaw id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 54 tad-digriet appellat li l-uniku awtur tal-konklużjoni kien inbidel, bir-riżultat li l-għan segwit mill-eżami jibqa' identiku.

49 Friesland Coberco, punt 31.

50 Sentenza tat-23 ta' Novembru 1971, (62/70, EU:C:1971:108, punti 6 sa 8).

51 Sentenza tas-17 ta' Jannar 1985, (11/82, EU:C:1985:18, punti 8 u 9).

52 Sentenza tal-5 ta' Mejju 1998 (C-386/96 P, EU:C:1998:193, punti 43 sa 56).

53 Friesland Coberco, punt 27.

54 Sentenza tal-14 ta' Settembru 2017 (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, u l-ġurisprudenza ċċitata).

65. Anki jekk wieħed iħares lil hinn minn dawn id-dubji dwar jekk it-tielet aggravju huwiex effettiv, dan l-aggravju ma jistax jirnexxi. L-appellanti jsostnu li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Friesland Coberco "kienet ibbażata speċifikament fuq il-funzjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali". Madankollu, il-parti tas-sentenza li l-appellanti jibbażaw ruħhom fuqha għall-argument tagħhom, jiġifieri, il-punt 37 ta' Friesland Coberco, tittratta l-kwistjoni jekk il-konklużjoni kinitx tikkostitwixxi att ta' istituzzjoni għall-finijiet ta' eżami skont l-Artikolu 234 KE (llum l-Artikolu 267 TFUE). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dak il-kuntest, li l-konklużjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma setgħetx tiġi kkunsidrata li hija att tal-Kummissjoni. Ma hemm l-ebda relazzjoni mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 33 tal-istess sentenza li l-konklużjoni ma kinitx vinkolanti fuq l-awtoritajiet doganali nazzjonali.

66. Lanqas ma nista' naċċetta l-argument tal-appellanti li ż-żewġ sitwazzjonijiet ma humiex ekwivalenti. L-appellanti jargumentaw, b'mod partikolari, li filwaqt li kienet il-funzjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali li jiżgura "kollaborazzjoni stretta u effikaċi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni"[55], huwa r-rwol tal-Kummissjoni taħt il-Kodiċi Doganali li "jkunu żgurat li l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu uniformi"[56] għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali. Il-Qorti Ġenerali qieset dan l-argument fil-punt 52 tad-digriet appellat. Hija ma żbaljatx meta indikat li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 213 tal-Kodiċi Doganali hija limitata sabiex tagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tispeċifika *kundizzjonijiet uniformi fir-rigward tar-regoli proċedurali*, kif previst fil-premessa 5 tal-Kodiċi Doganali.

67. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll, meta qabblet il-ħtieġa li twettaq eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi taħt iż-żewġ verżjonijiet tal-Kodiċi Doganali, li eżamijiet kienu meħtieġa għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet simili. L-appellanti ma jispjegawx kif id-definizzjonijiet kemxejn differenti ta' "kundizzjonijiet ekonomiċi" għall-ipproċessar taħt kontroll doganali skont l-Artikolu 133(e) tar-Regolament Nru 2913/92 u dik għall-ipproċessar attiv u passiv u l-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħażna għall-ħażna doganali ta' merkanzija skont l-Artikolu 211(4)(b) tal-Kodiċi Doganali jvarjaw b'mod daqshekk sinjifikanti li ma għandhomx jiġu meqjusa ekwivalenti għal dan l-għan. Il-Qorti Ġenerali għalhekk kienet korretta meta kkonkludiet fil-punt 53 tad-digriet appellat li l-kawżi ttrattati taħt ir-Regolament Nru 2913/92 u r-regolamenti ta' implimentazzjoni fis-seħħ fiż-żmien meta Friesland Coberco kienet deċiża u dawk inkwistjoni hawnhekk huma t-tnejn forom ta' kollaborazzjoni stretta u effikaċi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, li huma ċertament maħsuba li jinformaw lill-awtoritajiet doganali rigward il-kundizzjonijiet ekonomiċi.

68. L-ebda waħda mill-bidliet fil-leġiżlazzjoni li bbażaw ruħhom fuqha l-appellanti ma tirreferi għat-terminu "għandha titqies". Jekk il-Kummissjoni kellha s-setgħa li tislet konklużjoni li mbagħad kienet vinkolanti fuq l-awtorità doganali nazzjonali, din ċertament kienet tidher ukoll fil-kliem tar-regolament ta' implimentazzjoni. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, korrettament, fil-punt 63 tad-digriet appellat, li, li kieku l-leġiżlazzjoni doganali l-ġdida kienet iddisinjat sistema li fiha l-awtoritajiet doganali nazzjonali kienu marbuta bil-konklużjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi magħmula fuq livell tal-Unjoni, ir-regolament ta' implimentazzjoni kien jagħmel dispożizzjoni espressa għal dan. Il-fatt li aderixxiet mal-kliem li kien ġie interpretat fi Friesland Coberco li jfisser li ma torbotx l-awtoritajiet nazzjonali huwa fih innifsu argument b'saħħtu kontra bidla bħal din fl-interpretazzjoni.

55 Friesland Coberco, punt 40.

56 Premessa 5 tal-Kodiċi Doganali.

69. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Artikolu 504(4) tar-Regolament Nru 2454/93 fi Friesland Coberco hija valida wkoll għall-Artikolu 259(5) tar-regolament ta' implimentazzjoni, peress li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni huma, fil-fehma tiegħi, suffiċjentement simili għal dan l-għan. Wieħed għandu jassumi li l-leġiżlatura tal-Unjoni kienet kompletament konxja tad-deċiżjoni fi Friesland Coberco u li kieku kienet ħasbet li tbiddel il-pożizzjoni sabiex tirrendi l-konklużjoni tal-Kummissjoni bħala waħda li torbot lill-awtoritajiet nazzjonali, hija setgħet faċilment tagħmel hekk.

d) Rimarki addizzjonali:

70. Wieħed jista' jżid f'dan il-kuntest li konklużjoni meħuda taħt ir-regoli tal-Artikolu 259 tar-regolament ta' implimentazzjoni ovvjament għandha "effett legali". B'applikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Friesland Coberco l-awtoritajiet doganali nazzjonali ser ikollhom "jimmotivaw suffiċjentement id-deċiżjoni tagħhom" jekk jadottaw pożizzjoni differenti minn dik tal-konklużjoni. Dan ċertament jikkostitwixxi effett legali. Id-diffikultà hawnhekk mill-perspettiva tal-appellanti – u hija kunsiderazzjoni deċiżiva għall-finijiet ta' kwalunkwe analiżi tal-Artikolu 263 TFUE – hija li l-awtoritajiet doganali ma humiex marbuta li jsegwu din il-konklużjoni.

71. Wieħed jista' josserva wkoll li ma hemm ebda kwistjoni hawnhekk li l-appellanti ma humiex qegħdin igawdu minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva għaliex ma jistgħux jikkontestaw il-konklużjoni skont l-Artikolu 263 TFUE. B'ġustizzja mal-appellanti dan lanqas ma ġie argumentat. Iżda ta' min jinnota li l-appellanti jistgħu jikkontestaw (u fil-fatt għamlu dan) id-deċiżjoni tal-awtoritajiet doganali Olandiżi. Sussegwentement huma ppreżentaw appelli mal-qorti kompetenti fejn ikkontestaw iċ-ċaħda tal-oġġezzjonijiet tagħhom għall-għoti tal-awtorizzazzjoni ta' pproċessar attiv lil EMS mill-awtoritajiet doganali Olandiżi. F'dawk il-proċeduri l-kwistjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi humiex issodisfatti tista' tiġi kkunsidrata [57].

72. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-ewwel sat-tielet aggravji għalhekk għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

C. Ir-raba' aggravju rigward il-prattika amministrattiva

1. L-argumenti tal-partijiet

73. L-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta naqset li tikkunsidra l-prattika amministrattiva bħala evidenza tan-natura vinkolanti tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi. Il-kliem tal-ewwel paragrafu tal-punt 3 ta' dik il-prattika amministrattiva huwa s-segwenti: "Il-konklużjoni [tal-Kummissjoni] għandha titqies mill-awtorità doganali kkonċernata u minn kwalunkwe awtorità doganali oħra li titratta applikazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet simili (l-Artikolu 259(5) [tar-regolament ta' implimentazzjoni]). Id-deċiżjoni doganali ser tkun konformi mal-konklużjoni. *Dan ifisser li l-konklużjoni tal-Kummissjoni hija vinkolanti fuq l-awtoritajiet doganali kompetenti* u għalhekk ma jistgħux jidderogaw minnha […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [58].

74. Il-Kummissjoni tindika li ma huwiex ċar jekk, fir-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti humiex qegħdin jagħmlu talba proċedurali, billi jiddependu fuq distorsjoni tal-evidenza jew jekk hijiex talba sostantiva fis-sens li tikkritika li l-prattika amministrattiva ma kinitx ittrattata bħala sors ta' dritt. Fi kwalunkwe każ, hija tqis li t-talba tal-appellanti hija infondata.

57 Ara b'kuntrast il-kummenti tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu f'Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2017:959, punti 161 sa 163) fir-rigward tas-sitwazzjoni differenti ta' Stat Membru li għalih hija indirizzata miżura li ma tikkwalifikax bħala att għall-finijiet tal-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, ara wkoll is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Is-Slovakkja vs Il-Kummissjoni (C-593/15 P u C-594/15 P, EU:C:2017:800, punt 66) li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-idea ta' interpretazzjoni iktar wiesgħa ta' "att li jista' jiġi kkontestat" taħt ċirkustanzi bħal dawn.

58 Enfasi miżjuda.

2. Evalwazzjoni

75. L-attakk tal-appellanti huwa ffokat fuq il-punt 66 tad-digriet appellat li fih il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-prattika amministrattiva sempliċiment issostitwixxiet arranġament amministrattiv iktar bikri rigward l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti skont ir-Regolament Nru 2913/92. Sa fejn dak l-arranġament amministrattiv iktar bikri ma kienx isegwi dak li din il-Qorti tal-Ġustizzja kienet qalet fi Friesland Coberco, ma setax iservi bħala bażi valida għall-interpretazzjoni li tinsab fil-prattika amministrattiva l-ġdid. L-appellanti ma jattakkawx id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 67 tad-digriet appellat. Hemmhekk, b'sentenza li tibda bil-kliem "Barra minn hekk", il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li filwaqt li prattika amministrattiva tista' tkun ikkunsidrata bħala għajnuna valida sabiex tiġi interpretata n-natura tal-konklużjonijiet magħmula rigward kundizzjonijiet ekonomiċi, dawn ma għandhomx forza vinkolanti legali u li, għalhekk dawn għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet attwali tar-regolament ta' implimentazzjoni. Hija ddeċidiet ukoll li dawn ma jibdlux l-ambitu tar-regolament ta' implimentazzjoni [59].

76. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, korrettament fil-fehma tiegħi, fil-punt 68 tad-digriet appellat li l-interpretazzjoni li tinsab fil-prattika amministrattiva ġdida ma hijiex konformi mad-dispożizzjonijiet attwali tar-regolament ta' implimentazzjoni. Il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata fuq diversi argumenti u l-argumenti stabbiliti fil-punti 67 u 68 tad-digriet appellat huma suffiċjenti fihom innifishom biex jikkonfermaw il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali. Għalhekk isegwi, li, ir-raba' aggravju tal-appellanti huwa ineffettiv u ma jistax jipproċedi.

77. Huwa veru li l-prattika amministrattiva tat – jew, tal-inqas, kellha t-tendenza li tagħti – impressjoni żbaljata dwar jekk il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-kwistjoni ta' "kundizzjonijiet ekonomiċi" kinux vinkolanti. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll dawk tal-Qorti Ġenerali jagħtu lil dawk il-qrati l-għażla li jieħdu konjizzjoni ta' fatti bħal dawn billi jippermettulhom jagħmlu ordni għall-ispejjeż favur l-appellanti, kif għamlet il-Qorti Ġenerali f'din il-kawża [60].

D. Il-ħames aggravju rigward ir-rekwiżiti ulterjuri skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 263 TFUE

78. Skont il-ħames aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ulterjuri skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jiġifieri li huma direttament u individwalment ikkonċernati.

79. Madankollu, peress li l-Qorti Ġenerali kienet korretta meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni ta' inammissibbiltà fid-dawl tan-nuqqas ta' att li jista' jiġi kkontestat, hija ma wettqet l-ebda żball ta' liġi meta ma kkunsidratx il-kwistjoni, jekk l-appellanti kinux direttament u individwalment ikkonċernati. Id-deċiżjoni li ma kien hemm l-ebda att li jista' jiġi kkontestat għall-finijiet tal-Artikolu 263 TFUE kienet suffiċjenti sabiex ir-rikors jiġi miċħud.

VII. L-ispejjeż

80. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli ta' Proċedura, meta l-appell huwa infondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu deċiżjoni dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess, il-parti li tilfet il-kawża għandha tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż jekk dawn ġew mitluba fit-talbiet tal-parti li rebħet il-kawża.

59 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali korrettament tibbaża ruħha, b'analoġija, fuq is-sentenza tal-15 ta' Frar 1977, Dittmeyer (69/76 u 70/76, EU:C:1977:25, punt 4). Ukoll, b'analoġija, wieħed jista' jibbaża ruħu wkoll fuq linja ta' ġurisprudenza li tifforma parti minnha s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 209) u li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm miżuri interni adottati mill-amministrazzjoni jifformaw regoli ta' kondotta li l-amministrazzjoni ma tistax titbiegħed minnhom f'każ partikolari mingħajr ma tagħti raġunijiet li jkunu kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, tali miżuri interni ma humiex huma innifishom regoli ta' dritt u għalhekk ma jistgħux jemendaw jew jissupplimentaw l-istrumenti legalment vinkolanti adottati mill-istituzzjoni tal-Unjoni taħt ir-regoli u l-proċeduri pprovduti mit-Trattat.

60 Punti 72 sa 75 tad-digriet appellat.

81. Peress li l-Kummissjoni talbet il-ħlas tal-ispejjeż u l-appellanti tilfu l-appell tagħhom, l-appellanti għandhom jiġu ordnati jħallsu l-ispejjeż tagħhom u li jħallsu dawk inkorsi mill-Kummissjoni. Kunsiderazzjonijiet bħal dawk stabbiliti fil-punti 72 sa 75 tad-digriet appellat, li jippermettu lill-Kummissjoni li tħallas l-ispejjeż skont l-Artikolu 139 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħux japplikaw f'dan l-appell.

VIII. Konklużjoni

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

(1) tiċħad l-appell; u

(2) tordna lil thyssenkrupp Electrical Steel GmbH u thyssenkrupp Electrical Steel Ugo jħallsu l-ispejjeż.